**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2017

**It-Tlieta 26 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier **(Dok 1)**

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

10.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat bagħtet apoloġija li ma tistax tkun preżenti minħabba li hija ndisposta. **(Dok 1)**

10.1.2 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaċċetta din l-apoloġija.

10.1.3 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.1.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/2017.

10.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K7/2017 kif ippreżentati.

10.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

46/3072/17/I Kwotazzjoni mingħand il-BDL għall-provvista ta' diversi kotba.

46/3207/17/I Kwotazzjoni mingħand Miller għall-provvista ta' diversi kotba.

46/3162/17/I Kwotazzjoni mingħand il-Merlin għall-provvista ta' diversi kotba.

10.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3072/17/I, 46/3207/17/I u 46/3162/17/I** dwar kotba li ser jinxtraw mill-iskema maħruġa mid-DGL fejn ippropona li għandhom jinxtraw l-irħas kotba mingħand l-irħas suppliers skond l-istimi provduta.

10.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3067/17/I Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu sabiex sat-13 ta' Ottubru issir talba mis-SE sabiex jiġġedded il-leave mis-sena 2017 għat-2018.

10.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3067/17/I,** fejn ippropona li bħas-snin li għaddew, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

għandu jingħata l-faċilita' li jġedded l-ammont ta' vacation leave sal-massimu tal-parametri tal-ħaddiema taċ-ċivil.

10.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3045/17/I Email minghand l-AKL fejn baghtu Ċirkulari 66/2017 dwar il-laqgħa plenarja li ser issir fit-30 ta' Settembru 2017.

10.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3045/17/I,** fejn informa lill-Kunsill li huwa, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Mark Causon kienu ser jattendu.

46/3018/17/I Email minghand il-librara fejn talbet sabiex jinbidlu il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija għax-Xitwa biex flok tiftaħ bejn is-6pm u t-8pm tibda tiftaħ bejn il-5pm u s-7pm.

10.4.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3018/17/I,** fejn ippropona li l-Kunsill għandu japprova din it-talba.

10.4.9 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.4.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3004/17/I Email mingħand Star Lite fejn bagħat kwotazzjoni u diversi qisien għall-konki tal-konkos fosthom POX 001A għall-prezz ta' €198 il-waħda.

46/3202/17/I Kwotazzjoni mingħand Viestone għal concrete pots għall-prezz ta' €236 il-waħda.

10.4.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3004/17/I u 46/3202/17/I,** fejn ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Star Lite għall-prezz ta' €198.00.

10.4.12 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.4.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2976/17/I Email minghand Karen Zammit Manduca fejn b'referenza għall-email preċedenti li kienet bagħtet dwar klieb fil-bajja, nformat lill-Kunsill li marru l-Pulizija fuq il-post u kellmu xi persuni li għalkemm kelmuhom xorta baqgħu hemm ħlief għal persuna waħda.

46/2977/17/I Email mingħand Peter Musu fejn talab biex il-bajja ta' Pembroke tkun imniżżla bħala swimming area zone u mhux crater bay.

46/2991/17/I Email minghand Dr. Noel Camilleri fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex il-Bajja ta' Pembroke viċin l-RO isir dog friendly beach minħabba li dan l-aħħar qed jitwaqqfu mill-Pulizija.

46/2999/17/I Email minghand Dr. Noel Camilleri fejn b'referenza għall-email preċedenti tiegħu rigward l-għawm tal-klieb fil-bajja, irrimarka li

iktar iħallu ħmieġ in-nies wara li jagħmlu BBQ milli l-klieb li jiffrekwentaw il-bajja u l-madwar.

46/3167/17/I Email minghand l-ALE fejn b'referenza għall-klieb jiġġerrew fuq il-blat informa l-Kunsill li wara spezzjonijiet varji li saru tkellmu ma' diversi persuni li ssuġġerew li jsiru tabelli li l-klieb għandhom jinżammu biċ-ċinga u jnaddfu wara minħabba li m'hemmx tabelli simili.

10.4.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2976/17/I, 46/2977/17/I, 46/2991/17/I, 46/2999/17/I u 46/3167/17/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu pożizzjoni f'dan ir-rigward billi fejn ikun hemm il-ħtieġa, iwieġeb għal kull komunikat dwar din is-sitwazzjoni billi jispjega li ż-żona mhijiex waħda għall-użu tal-klieb u għaldaqstant, kull min jagħżel li jikser il-liġijiet viġenti għandu wkoll jerfa` r-responsabbilita` f'każ ta' infurzar. Il-kelliem żied li għad li l-Kunsill għal diversi snin ma qiesx din il-kwistjoni bħala waħda mill-akbar sfidi li naffaċċjaw, jidher li dan l-aħħar kien hemm sforz sabiex iż-żona tiġi utilizzata minn sidien tal-klieb, inkluż permezz ta' paġni fuq Facebook li taw l-impressjoni li ż-żona hija waħda maħsuba għall-għawm tal-klieb u konsegwenza ta' dan in-numru ta' klieb fiż-żona sploda, a detriment ta' min imur fiż-żona u jippretendi li ma jsibx klieb. Ix-xogħol li għamel il-Kunsill sabiex jiffaċilita' l-aċċess f'bajja magħrufa sew mal-anzjani tal-lokalita` ma jistax jiġi pperikolat b'dan il-mod. Finalment il-kelliem żied li jekk ikun hemm il-bżonn għandhom jeħlu tabelli f'dan is-sens fil-parti li jsir għawm fiha fl-akwata tal-impjant tar-RO.

10.4.15 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u żied li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi lill-Awtoritajiet konċernata biex ikun hemm żona taħt il-ground ta' Pembroke Athleta dedikata għal min ikollu l-klieb.

10.4.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3106/17/I Email mingħand Bajada New Energy fejn informaw lill-Kunsill b' solar lamps li joffru inkluż CCTV.

46/3199/17/O Email li ntbgħatet lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza għal-lampi bil-camera u l-panella infurmajnihom li mingħajr it-twaħħil tiswa €980 inkluż il-VAT.

10.4.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3106/17/I u 46/3199/17/O,** fejn talab il-kummenti tal-Kunsillier Mark Causon, peress li kien huwa li xtaq li tiġi diskussa.

10.4.18 Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li din il-possibilita' għandha tinżamm meta jsir xi dawl ġdid.

10.4.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3174/17/O Email li ntbgħatet lill-Membri tal-Kunsill fejn infurmajnihom bl-applikazzjoni quddiem il-PA sabiex titwaħħal billboard quddiem il-ground tal-Luxol.

10.4.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3174/17/O,** fejn ippropona li fid-dawl li fil-policy tal-PA jidher li s-sit m'huwiex indikata

bħala wieħed mis-siti fejn jistgħu isiru billboards fissi, u għalhekk il-Kunsill għandu joġġezzjona għall-iżvilupp propost minħabba eyesore.

10.4.21 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.4.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3078/17/I Email mingħand residenti ta' Juno Flats fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tiġi rranġata l-pompa ta' Juno Flats.

10.4.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3078/17/I,** fejn ippropona li la din il-pompa nħarqet, kien hemm bżonn li tinxtara waħda ġdida mill-Kunsill.

10.4.24 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3219/17/I Email mingħand Ms. Lucienne Gravino Vassallo fejn b'referenza għal-laqgħa li saret magħha dwar is-support groups fil-komunita' li tixtieq torganizza, bagħtet informazzjoni ta' x'jikkonsistu s-sessjonijiet.

10.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3219/17/I,** fejn ippropona li dawn is-sessjonijiet isiru flimkien mar-residenti kkonċernata u li s-sessjonijiet ikunu mingħajr ħlas.

10.4.27 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.4.29 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jixtri tined biex jitwaħħlu fuq il-bibien ta' barra speċjalment minħabba x-xita.

10.4.30 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 37/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 09/K7/17 u 10/K7/17. **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 38/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K7/17 u 10/K7/17. **(Dok. 3)**

10.5.2 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda lmenti pendenti bejn il-laqgħa li għaddiet u dik preżenti.

10.5.3 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 38/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.5.4 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.5.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.6 Tender 2017/01 for the Provision of Legal Consultant Services.

10.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kif diġa rrimarka fil-laqgħat preċedenti, l-offerti kienu nfetħu iżda rrimarka li l-evelwaturi kien għadhom m'għamlux l-evalwazzjoni tagħhom u għalhekk dan l-item għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra. Il-kelliem fakkar li l-kuntratt eżistenti kien skada fl-aħħar ta' Awwissu 2017 u għalhekk ippropona li f'każ ta' emerġenza għandu jitqabbad Dr. Alessando Lia fuq Direct Order.

10.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.7 Tiġdid ta' Tenders 07/2016 u 08/2016.

10.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li Tender 07/2016 - Upkeep & Maintenance of Road Markings, ser jiskadi 31/01/2018 u jista' jiġġedded filwaqt li Tender 08/2016 - Professional Services of Contracts Manager, ser jiskadi 31/03/2018 u jista' jiġġedded. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn it-tenders għandhom jiġu mġedda bil-perjodu ta' sena oħra.

10.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.8.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4 sa 6)**

10.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

10.8.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.9 Mozzjonijiet.

10.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 10.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:20pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' Ottubru 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Ottubru, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok 1

## Pembroke Local Council at Local Councils

**From:** Evelyn Vella Brincat <evelynvellabrincat@gmail.com>
**Sent:** It-Tlieta, 26 ta' Settembru 2017 14:42
**To:** Pembroke Local Council at Local Councils
**Subject:** Today's local Council Meeting

Kevin

I have just returned home from hospital after receiving chemo
I will be resting in bed for the rest of the day so I ask to be excused from the meeting today.

Thank you

Evelyn

Kunsill Lokali
Pembroke
27 SEP 2017
46/3268/17/1

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2.

**Internal Memo Referenza 37/2017** **26 ta' Settembru 2017**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 09/K7/17 u 10/K7/17

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 28/08/2017 | Laqgha tal-Kunsill numru 09/K7/2017 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 30/08/2017 | Laqgha ma' Paul Stoner rigward New sports facilities | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 30/08/2017 | Smiegh ta' PA/02923/17 - Cadeau, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke | Planning Authority | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 11/09/2017 | Laqgha ma' l-Onor Ministru Evarist Bartolo | Ministeru ghall-Edukazzjoni | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 12/09/2017 | Laqgha tar-Regjun Tramuntana Meeting u laqgha mas-Seg. Parl. Silvio Parnis | Regjun Tramuntana | Dean Hili |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14/09/2017 | Laqgha ma' Quicklets re Blood Donation Drive | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Evelyn Vella Brincat<br>Kevin Borg |
| 14/09/2017 | Laqgha ma' Ms. Lucienne Gravino Vassallo re Support Groups in the Community | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Evelyn Vella Brincat |
| 20/09/2017 | Kaz ta' Kunsill Lokali kontra Elmo Insurance re Taxi incident Triq il-Profs Walter Ganado | Qorti | Kevin Borg |
| 23/09/2017 | Commonwealth Games – Queen's baton activity | Madwar il-lokal | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 26/09/2017 | Smiegh tal-appell numru 00281/17 – PA-07277/17 ta' l-Isqof Angelo Portelli | Planning Authority | Dean Hili<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 38/2017** **26 ta' settembru 2017**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 09/K7/17 u 10/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 155 | 2017 | Pembroke Self Service | Ordni ta' gallettini u pakketi ghal-laqgha tal-Kunsill |
| 156 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex tirrenġa bozza li qeghda tteptep fuq dar numru 14 fi Triq Patri A. Tonna Barthet. Il-cover tal-bozza jinsab imkisser ukoll. |
| 157 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex tirrenġa bozza ma' Blokk 1, Triq San Patrizju bin-numru W122. |
| 160 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa bozza li mitfija fi Triq Patri Indri Vella quddiem id-dar numru 76, bin-numru W026 |
| 161 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex isir membrane u manutenzjoni tal-bejt fejn hemm l-istores tal-Kunsill u sabiex jiġi rranġat ħajt li ġie vandalizzat li minn Triq Anzio jagħti għal Triq Normandy. |
| 164 | 2017 | Corner Stone | B' referenza għas-seduta tal-PA 2923/17, tlabna sabiex jipprepara rapport dwar l-għoli ta' kull binja fil-lokal. |
| 165 | 2017 | Mica Med | Tlabna isewwi numru ta' bozoz maqtugha f'Sit A1 – A4 fi Triq Pietru D'Armenia. |
| 166 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi 2 bozzoz jixghelu u jintfew fi Triq Battalja ta' Malta u Triq Regimenti Maltin |
| 167 | 2017 | DOI | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazzetta dwar Tender 2, 3, 4, 5 u Quote 1 |
| 168 | 2017 | Times of Malta | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazzetta dwar Tender 2, 3, 4, 5 u Quote 1 |
| 169 | 2017 | L-Orizzont | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazzetta dwar Tender 2, 3, 4, 5 u Quote 1 |
| 170 | 2017 | Nazzjon | Tlabna sabiex jidher avviz fuq il-gazzetta dwar Tender 2, 3, 4, 5 u Quote 1 |
| 171 | 2017 | Mica Med | Infurmajnih isewwi bozza fi Ġnien ta' C. Micallef li tagħti għal Triq G. Mitrovich ma' Triq ANZAC tixgħel u titfi, kif ukoll hemm xi bozoz maqtugħa mill-bollards ta' mal-art. |

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

| | | | |
|---|---|---|---|
| 172 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa 5 lampi maqtugħa f'sit A5-A11 fi Triq Pietru D'Armenia li jiġu quddiem il-Blokk A10. |
| 173 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġu rranġata biċċiet ta' ħitan li sfaw milquta f'San Patrizju. |
| 174 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jibdel 2 tabelli fejn l-iskola Primarja fi Triq G. Henin, tiġi rranġata tabella ta'. giveway quddiem l-iskola tal-ITS u tiġi rranġata tabella ta' STOP fi Triq San Patrizju |
| 175 | 2017 | Maltapost | Bolol ta' 26c |
| 176 | 2017 | Dr. Alessandro Lia | Tlabna sabiex jirraprezenta lill-Kunsill fil-kawza li ghandu kontra l-Elmo Insurance, dwar incident li kien sar fi Triq Profs Walter Ganado. |
| 177 | 2017 | Pembroke Self Service | Tlabna jipprovdi xi ikel u xorb ghal-laqgha tal-Kunsill |
| 178 | 2017 | Joseph Galea | Tlabna sabiex jipprovdi open skip nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 u titpoġġa f'nofs il-bandli ta' Triq l-Imħallef William Harding |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**